**MINISTERU GHALL-INTERN**
**Taqsima Proprjeta' tal-Gvern**
**Dipartiment ghat-Tmexxija tal-Proprjeta'**
**Berga tal-Baviera, Valletta - Tel. 232205**

# SKEMA GHAL ART AGRIKOLA TAL-GVERN

## PROCESS TA' 'PUBLIC SCREENING'

### 1.0 L-Iskema ghal Art Agrikola

L-Iskema ghal Art Agrikola tal-Gvern giet mnieda mill-Ministeru ghall-Intern f'Awwissu 2000. L-iskema tat l-opportunita' lil kull min jahdem art agrikola tal-gvern (kemm dawk li diga' kellhom kirja kif ukoll dawk li ma kellhomx) sabiex japplika biex jinghata kirja gdida fuq dik l-art u b'hekk igawdi mill-beneficcji offruti mill-iskema. L-iskema kienet tapplika ghall-art agrikola tal-Gvern kollha, inkluza dik amministrata mill-Ufficcju Kongunt (art li qabel kienet tal-Knisja). Applikazzjonijiet taht l-iskema ntlaqghu sat-28 ta' Frar 2001.

### 2.0 Il-Process ta' 'Public Screening'

L-Iskema ghal Art Agrikola tal-Gvern tipprovdi biex wara l-gheluq tal-applikazzjonijiet isir Process ta' 'Public Screening' (PPS). Dan il-PPS ser jigi mplimentat b'mod gradwali fi gruppi ta' lokalitajiet. Il-PPS huwa intenzjonat sabiex jaghti l-opportunita' lil kull min hu interessat biex jara, fuq mappa apposta, il-bcejjec ta' art li fuqhom tkun saret xi applikazzjoni u minn min saret. Kull min ghandu raguni valida biex jikkunsidra li l-applikazzjoni ma saritx skond l-iskema, jew li hija falza jew inkella tista' tippregudika xi drittijiet tieghu/taghha u/jew ta' terzi, ikun jista' jaghmel oggezzjoni fuq formola li giet ppreparata ghal dan il-ghan. Iz-zmien ta' kull PPS ser ikun ta' xahrejn f'kull lokalita'.

### 3.0 Is-Sehem tal-Kunsilli Lokali

Il-PPS ghandu jservi ta' servizz lill-komunita' li potenzjalment jista' jwassal sabiex jigu identifikati abbuzi u ksur ta' drittijiet ta' terzi. Fil-fatt, xi Kunsilli Lokali diga' esprimew il-hsieb li huma, bhala Kunsill, jridu iressqu oggezzjoni fuq xi applikazzjonijiet li saru. Barra minn hekk il-Kunsilli Lokali qeghdin fl-ahjar posizzjoni li jipprovdu dan is-servizz lill-komunita' taghhom ghaliex jistghu facilment jintlahqu minn kullhadd. Ghalhekk il-PPS ser ikun mwettaq mill-ufficcji tal-Kunsilli Lokali. Il-procedura li ser tigi segwita hija din li gejja:

i) Kull Kunsill Lokali ser jinghata 'Lista ta' Applikazzjonijiet' li turi, f'ordni numerika, l-applikazzjonijiet li jkunu saru fuq art li taqa' fil-lokalita' rispettiva tieghu. Il-lista tkun turi d-dettalji tal-applikant u ta' l-art li fuqha saret l-applikazzjoni.

ii) Il-Kunsilli Lokali ser jinghataw ukoll 'Mappa tal-PPS' li fuqha jkunu murija l-bcejjec ta' art fil-konfini tal-lokalita', li fuqhom tkun saret xi applikazzjoni taht l-iskema. Kull bicca art ikollha wkoll immarkat in-'Numru tal-Applikazzjoni' li jirreferi ghaliha. Dan in-'Numru tal-Applikazzjoni' imbaghad ikun jista' jigi mqabbel mal-'Lista ta' Applikazzjonijiet' ghall-aktar dettalji.

iii) Il-'Mappa tal-PPS' u l-'Lista ta' Applikazzjonijiet' ser ikunu ghall-wiri fl-ufficini tal-Kunsilli Lokali sabiex kull min ghandu interess ikun jista' jivverifika x'applikazzjonijiet ikunu saru u jiddeciedi jekk jixtieqx jaghmel oggezzjoni dwar xi applikazzjoni partikolari.

iv) Ghal dan il-ghan kull Kunsill Lokali ser jinghata numru ta' 'Formoli ta' Oggezzjoni'. Imbaghad, jekk ikun mehtieg, ikunu jistghu jittiehdu fotokopji tal-formola. Il-'Formola ta' Oggezzjoni' ser tkun bil-Malti u ser tkun tinkludi spjegazzjoni kif tista' timtela l-formola.

v) Il-'Formola ta' Oggezzjoni' imbaghad ghandha tintbaghat lis-Sezzjoni tal-'Customer Care', Taqsima Proprjeta' tal-Gvern, Berga tal-Baviera, Valletta.

vi) Ghal ragunijiet ovvji l-PPS ser jigi mplimentat b'mod gradwali fi gruppi ta' lokalitajiet u mhux fil-lokalitajiet kollha f'daqqa. Il-paragrafu 4.0 jipprovdi l-iskeda ta' PPS u d-dati li fihom jibda u jispicca.

## 4.0 Skeda tal-Process ta' 'Public Screening'

| Nru. Tal-PPS | Lokalitajiet | Dati Ppjanati |
|---|---|---|
| 1 | B'Kara, Birgu, Birzebbugia, Fgura, Gharghur, Ghaxaq, Gudja, Gzira, Iklin, Kalkara, Kirkop, Lija, Luqa, M'Xlokk, Marsa, Marsascala, Mqabba, Msida, Paola, Qormi, Qrendi, Safi, San Gwann, Sta. Lucia, Sta. Venera, Swieqi, Tarxien, Xghajra, Zabbar, Zejtun, Zurrieq. | 1/09/2001 sa 31/10/2001 |
| 2 | Attard, Dingli, Mdina, Siggiewi, Zebbug. | 1/10/2001 sa 30/11/2001 |
| 3 | Mosta, Mtarfa, Naxxar, Rabat. | 1/12/2001 sa 31/01/2002 |
| 4 | Mgarr, San Pawl il-Bahar. | 1/02/2002 sa 31/03/2002 |
| 5 | Mellieha | 1/04/2002 sa 31/05/2002 |
| 6 | Fontana, Ghajnsielem, Gharb, Ghasri, Kercem, Munxar, Nadur, Qala, Rabat, San Lawrenz, Sannat, Xaghra, Xewkija, Zebbug - Ghawdex | 1/09/2002 sa 31/10/2002 |

**Din l-iskeda tista' tinbidel skond il-htigijiet logistici**. Perjodikament ser jinhargu Stqarrijiet ghall-Istampa ('Press Releases') biex il-pubbliku jigi mgharraf dwar il-bidu ta' xi PPS. Il-Kunsilli Lokali ser ikunu mgharrfa individwalment dwar dan.

## 5.0 Lokalitajiet Bla PPS

F'numru ta' lokalitajiet ma saret l-ebda applikazzjoni taht l-Iskema ghal Art Agrikola tal-Gvern u ghalhekk m'hemmx bzonn li jsir PPS fihom. Il-lokalitajiet f'Malta fejn ma sarux applikazzjonijiet huma:

Balzan, Bormla, Floriana, Hamrun, Isla, Pembroke, Pieta', San Giljan, Sliema, Ta' Xbiex, Valletta.

## 6.0 Formola ta' Oggezzjoni

It-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern ser tikkunsidra bis-serjeta' kull oggezzjoni li tircievi ghal applikazzjonijiet li jkunu inxtehtu taht l-Iskema ghal Art Agrikola tal-Gvern. Ghalhekk huwa importanti li kull min ikun qed jikkunsidra li jaghmel xi oggezzjoni ghandu jkollu ragunijiet b'sahhithom u validi sabiex jaghmel hekk. Ghal dan il-ghan il-'Formola ta' Oggezzjoni' tinkludi dikjarazzjoni li l-oggezzjoni hija wahda valida u korretta.

## 7.0 Nota ta' Kjarifika

Tajjeb wiehed jinnota li applikazzjonijiet maghmula taht l-Iskema ghal Art Agrikola tal-Gvern jistghu jvarjaw kif muri hawn taht:

i) Persuna wahda li applikat fuq wahda jew aktar bcejjec ta' art.

ii) Numru ta' persuni li applikaw (taht l-istess applikazzjoni) ghall-kirja flimkien fuq wahda jew aktar bcejjec ta' art.

iii) Aktar minn persuna wahda li applikat (b'applikazzjoni differenti) ghall-istess bicca art.

iv) Barra minnhekk, bicca art li fuqha tkun saret applikazzjoni tista' taqa' f'nofs il-linja tal-konfini ta' bejn zewg Kunsilli Lokali. Ghall-iskop tal-PPS din il-bicca art ser tkun murija fuq il-'Mappa tal-PPS' u l-'Lista ta' Applikazzjonijiet' taz-zewg Kunsilli Lokali involuti.

Dawn il-varjazzjonijiet ser ikunu jidhru fil-'Mappa tal-PPS' u l-'Lista ta' Applikazzjonijiet' li ser jinghataw lill-Kunsilli Lokali.

**Dipartiment ghat-Tmexxija tal-Proprjeta'**
**Awwissu 2001**